***5 ta' Ottubru, 1998***

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Maria Vella Galea

*versus*

Oreste Sammut

**Inċident Awtomobilistiku - Danni - *Stop Sign* - *Main Road* - *Side Road* - Dover ta' Prudenza - Dover *to Keep a Proper Look Out***

*L-attriċi aġixxiet minħabba d-danni li sofriet f'inċident stradali. Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li kienet apporzjonat ir-responsabbilità bejn iż-żewġ sewwieqa u sabet illi għall-inċident kien jaħti unikament il-konvenut.*

Il-Qorti:-

*Dan l-appell hu minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti* Ċivili tat-12 ta' Diċembru, 1996, li ddeċidiet dwar ir-responsabbilità ta' l-inċident stradali fuq talbiet kontenuti f'dan l-att taċ-ċitazzjoni;

"L-attriċi ppremettiet illi fl-ewwel (1) ta' Awissu, 1995 waqt li l-istanti kienet issuq il-karozza Fiat numru U-1544 f'Hal Balzan, din sfat involuta f'habta ma' l-Escort numru K-3980 misjuqa mill-konvenut u ġarrbet ħsarat kbar;

Premess illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti l-konvenut minħabba mprudenza, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti iżda hu qed jiċħad ħtijietu;

L-attriċi talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni kollha li b'riżultat ta' l-istess soffriet l-istanti;

Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' perit nominandi;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istanti l-ammont iddikjarat bħala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż kompriżi Lm23 ta' konsulti, ittri u nkontru ma' l-*assikuratur* tal-konvenut u dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-lum lill-assikuratur John Bonnici *nomine* u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenut";

Il-konvenut eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-kolliżjoni ma ġratx b'tort u *ħtija ta'* l-eċċipjenti iżda bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attriċi li daħlet fi Triq Papa Alessandru, *Hal Balzan*, *kontra* s-sinjali tat-traffiku;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza appellata ddeċidiet billi ddikjarat li l-inċident ġara tort taż-żewġ sewwieqa u llikwidat id-danni sofferti mill-attriċi f'ammont ta' Lm1581.07 u konsegwentement ikkundannat lill-konvenut iħallas nofs dan l-ammont hekk illikwidat lill-attriċi ċjoè Lm766.53,5 bl-imgħax u bl-ispejjeż jitħallsu bin-nofs;

L-Ewwel Qorti elenkat il-fatti rilevanti għad-dinamika ta' l-inċident li jiddeterminaw ir-responsabbiltà b'dan il-mod:

"Skond l-okkorrenza (dok. K) il-konvenut *qal lis-surġent li* hu kien hiereġ minn Triq Valentinu u wasal f'salib it-toroq u l-attriċi baqgħet dieħla ġo fih. Hi kienet ġejja min-naħa *tax-xellug* tiegħu. L-attriċi qalet li kienet tiela' minn Triq Papa Alessandru u l-karozza l-oħra baqgħet ħierġa minn Triq Valentinu u ħabtu;

Fil-Qorti, is-surġent ikkonfermat l-versjonijiet li taw il-partijiet u xehdet li *fi Triq* Papa Alessandru hemm *stop signs* maż-żewġ naħat. Hi ma setgħetx tgħid jekk l-attriċi kinitx ġejja kontra l-*one way* għax ma tafx *minn* fejn daħlet. Jekk persuna tkun ġejja minn direzzjoni tal-Knisja ta' Hal Balzan ma hemm xejn x'jindika li ma tistax tikser fuq il-*lemin* għal ġo Triq Papa Alessandru. Jekk tkun ġej mit-triq ma' ġenb il-Buon Pastur tara s-sinjal faċċata li jindikalek li ma tistax tidħol fi Triq Papa Alessandru;

L-attriċi kkonfermat id-dikjarazzjoni tagħha. Hi qalet li kienet ġejja minn ħdejn il-Buon Pastur u faċċata l-vleġġa kienet

tidher. Għalkemm kienet taf b'dina l-vleġġa (li hija *mandatory*) hi daħlet hemmhekk għax ma kienx hemm *no entry sign*, illum għamlu *no entry sign*;

Ikkonfermat li d-danni li qed titlob kollha huma riżultat ta' l-inċident. Hi kellha bżonn karozza għax-xogħol tagħha;

Il-konvenut xehed li minn fejn kien ħiereġ hu hemm *stop sign*. Hu obda u waqaf. Reġa' beda ħiereġ u l-attriċi kienet għadha isfel, ġiet bi *speed*, ma għafsitx il-*brakes*, ġiet *wrong side*, tagħtu daqqa u dawritu dawra tond;

Meta raha ġejja ma setax jieqaf fin-nofs u mbagħad bilfors kellu jkompli biex jiskapulaha. Minn fuq ix-xellug mhux suppost li jiġu karrozzi. Meta ra l-attriċi l-ewwel darba kienet diġà daħlet l-arkata. Ma jistax jgħid kinitx miexja jew wieqfa. Kemm taha daqqa t'għajn. Ħares lejn il-lemin imbagħad faċċata u qasam. *Billi l-attriċi kienet il-bogħod ħafna ma reġax ħares* fuq ix-xellug tiegħu. Lill-attriċi raha ġejja minn fuq ix-xellug tiegħu għalkemm kien jaf li minn fuq ix-xellug mhux suppost li jiġu l-karrozzi. Minn fejn l-arkata safejn ġara l-inċident hemm numru ta' garaxxijiet u hemm distanza ta' tul sitt darbiet l-awla fejn xehed";

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Jirriżulta mill-provi prodotti li minn fejn kienet ġejja l-attriċi mal-faċċata fejn hemm l-arkata kien hemm vleġġa biex tindika lis-sewwieqa biex jiġbdu fuq ix-xellug u mhux fuq il-lemin. M'hemmx però *no entry sign* għal *Triq Papa Alessandru*. Illum dina n-*no entry sign* twaħħlet (ara ritratt a fol. 12 u ritratt GM5 a fol. 25). Min ikun ġej minn Triq Idmejda m'għandux *sign* li jindika li ma jistax idur fuq il-lemin;

Min-naħa tal-konvenut dana kellu *stop sign* minn fejn kien ħiereġ u *stop sign* faċċata għal min ikun ġej min-naħa opposta (ara ritratti a fol. 5 u 25);

Il-konvenut kien obbligat li jieqaf qabel l-i*stop sign* u wara li jaċċerta ruħu li kien *safe* għalih li joħroġ, ikompli bil-manuvra li ried jagħmel. Il-konvenut xehed li kien waqaf, ħares fuq ix-xellug u ra lill-attriċi l-bogħod, ħares faċċata mbagħad fuq il-lemin u ħareġ. Dak il-ħin li ħareġ l-attriċi baqgħet dieħla fih;

Billi l-konvenut kien ra lill-attriċi ġejja, il-kwistjoni jekk l-attriċi kinitx ġejja kontra l-*one way* jew le hi rrilevanti f'dana l-każ. Billi l-konvenut kien ra lill-attriċi ġejja dan ifisser li ma kienx *safe* għalih li joħroġ minn wara l-i*stop sign* u dana anke jekk l-attriċi kienet għada l-bogħod. Mhux verosimili dak li xehed il-konvenut li l-attriċi kienet ħafna l-bogħod għax sakemm dawwar wiċċu hi laħqet ġiet fuqu. Hu xehed li ta daqqa t'għajn fuq ix-xellug u ma setax jgħid jekk l-attriċi kinitx miexja jew wieqfa;

*Speed* eċċessiv da parti ta' l-attriċi ma jirriżultax. Kieku kienet ġejja bi *speed*, kif qed jallega l-konvenut u raħa, hu ma messux ħareġ minn wara l-i*stop sign*;

Għalhekk il-konvenut kellu tort għall-inċident;

Il-Qorti trid però teżamina ukoll jekk l-attriċi kellhiex tort ukoll għall-inċidnet. Hi kienet taf li qabel daħlet fi Triq Papa Alessandru kien hemm sinjal li jagħti d-direzzjoni minn fejn kellha tgħaddi ċjoè biex tmur fuq ix-xellug, iżda hi għażlet li ma tobdiex dana s-sinjal u kompliet għaddejja għad-dritt ġo Triq Papa Alessandru. L-attriċi ħadet riskju u kellha toqgħod attenta aktar mis-soltu għax sewwieqa ġejjin minn Triq Valentinu ġeneralment ma jkunux qed jistennew karozzi li jiġu minn fuq

ix-xellug tagħhom jew lemin tagħhom skond f'liema posizzjoni jkunu;

Il-konfigurazzjoni tal-kantuniera ta' Triq Idmejda ma' Triq Papa Alessandru ma tantx *tippermetti lil min ikun ġej minn Triq Idmejda biex jikser b'faċilità fuq il-lemin tiegħu (ara ritratt* dok. GM1);

Jirriżulta mill-ħsarat fil-karozzi, kif spiċċaw imdawrin u n-nuqqas ta' *brakemarks*, li ż-żewġ sewwieqa baqgħu ħerġin fuq l-inkroċju mingħajr *proper look out*. L-attriċi ma kinitx għaddejja bid-debita attenzjoni *look out* meħtieġa meta ġiet f'dak l-inkroċju;

Għalhekk anke l-attriċi kellha tort ukoll f'dan il-każ;

Wara li qieset dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li ż-żewġ sewwieqa kienu responsabbli ndaqs għall-inċident 50/50";

Minn din is-sentenza appellata *prinċipalment l-attriċi u* inċidentalment il-konvenut. Iż-żewġ kontendenti ħassew ruħhom aggravati għaliex qed jippretendu li r-responsabbilità għas-sinistru kellha tiġi kollha akkollata fuq il-parti l-oħra. Din hi l-uniku kontestazzjoni f'dan l-appell u ma saru l-ebda sottomissjonijiet dwar likwidazzjoni tad-danni rreklamati mill-attriċi. Din il-Qorti eżaminat l-aggravju tal-kontendenti fid-dawl tal-provi prodotti u tal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel *Qorti u waslet għall-konvinċiment li l-appell ta' l-attriċi* jimmerita li jiġi milqugħ u konsegwentement dak tal-konvenut irriġettat;

Dan għas-segwenti raġunijiet:

Din il-Qorti tara kontradizzjoni bejn dik il-parti tas-sentenza li bla tlaqliq iċċensurat is-sewqan *tal-konvenut* għax ma osservax ir-regoli tas-sewqan u anke aġixxa kontra d-divjet espress ta' l-*istop sign* meta kien qed isuq immedjatament qabel l-inċident u l-mod kif sabet li l-attriċi ukoll kellha tort ta' l-inċident minħabba li hi ukoll kienet naqset li tosserva d-divjet ta' sinjal tat-traffiku li kien jtiha direzzjoni biex iddur lejn ix-xellug meta daħlet fi Triq Papa Alessandru. Infrazzjoni però seħħet żmien qabel ma ġara l-inċident. Kellu nfatti jkun ċar *għall-Ewwel Qorti li dan in-nuqqas da parti ta' l-attriċi minnha* ammess ma kellu x'jaqsam xejn maċ-ċirkostanzi li ġie stabbilit bil-provi li jikkostitwixxu d-dinamika ta' l-inċident;

Infatti, għalkemm jista' jingħad mix-xhieda skjetta ta' l-attriċi illi hi verament kienet daħlet ġo Triq Papa Alessandru minn punt fejn dan kien ivvjetat u allura f'dak il-mument kienet strettament qed issuq kontra l-*one way*, is-surġent tal-pulizija li nvestigat *il-każ*, ma setgħetx tgħid *jekk l-attriċi kinitx fil-fatt* ġejja kontra l-*one way* "għax ma tafx minn fejn daħlet" għal ġo dik it-triq. Fil-fatt tikkonferma illi - almenu sa dak iż-żmien - illi jekk persuna tkun ġejja mid-direzzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan ma kien hemm xejn x'jindika li ma setgħetx tidħol għal ġo Triq Papa Alessandru u allura tipproċedi fl-istess direzzjoni u sal-punt fejn kienet qed issuq l-attriċi immedjatament qabel l-inċident. Dan ifisser li mhux korrett li jingħad illi l-*konvenut* kellu *xi dritt li jippretendi li ma jkunx* ġej traffiku minn dik it-triq fuq il-lemin tiegħu mnejn kienet ħierġa *l-attriċi. Għal kuntrarju traffiku seta'* joħroġ b'mod għal kollox regolari u leġittimu għax dik l-aħħar parti ta' Triq Papa Alessandru kienet almenu aċċessibbli u bla ebda divjet għat-traffiku diehel ġo fiha mid-direzzjoni tal-Knisja Parrokkjali;

Hu ovvju illi dak li huwa essenzjali għall-fini tad-determinazzjoni tar-responsabbilità għas-sinistru hi d-dinamika ta' l-eventi li ġraw immedjatament qabel l-impatt u li kienu

determinanti jew li kkontribwew għall-inċident. *Riflessjonijiet* kontravvenzjonali li bl-ebda mod ma jinċidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva għal sewqan prudenti u li ma jkunx rilevanti għall-elementi ta' *fatt li jikkostitwixxu* l-eventi li taw lok għas-sinistru, li huma naturalment passibbli u punibbli f'sede oħra, *imma ma* għandhomx u ma għandux ikollhom rilevanza biex jiġi stabbilit min kellu ħtija għall-inċident. Aktar u aktar meta dik l-infrazzjoni ma tkunx seħħet fil-mument ta' l-inċident imma qabel;

Stabbilit dan u kkunsidrat illi l-fatt illi ġie ppruvat li l-attriċi sabet ruħha fi Triq Papa Alessandru bħala *riżultat ta'* infrazzjoni ta' divjet ta' direzzjoni tat-traffiku imma li kien irrilevanti għall-fini ta' ħtija u allura kellu jiġi skartat, l-inċident jibqa' wieħed li d-dinamika tiegħu hi rregolata minn normi li jiggvernaw il-kondotta ta' l-attriċi bħala *main road user* u dik tal-konvenut bħala *side road user.* Konsegwentement *din il-*Qorti hi tal-fehma illi kienet allura żbaljata l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li ż-żewġ sewwieqa kellhom l-istess responsabbilità waqt li kienu qed jinnavigaw salib it-toroq u li "ż-żewġ sewwieqa baqgħu ħerġin fuq l-inkroċju mingħajr *proper look out*". Dan għaliex hu ċar illi hawn *non si tratta ta'* salib format minn żewġ toroq ta' mportaza ugwali. Hu salib it-toroq format minn triq prinċipali li fiha l-utent għandu r-*right of way* fuq kull traffiku *ieħor u minn triq* sekondarja li fiha l-utent kien obbligat li jagħti d-dritta lil min ikun qed isuq fuq it-triq prinċipali;

F'dan il-kuntest, jassumi mportanza determinanti l-i*stop sign* fil-punt mnejn *ikun hiereġ il-konvenut. Mhux biss* għaliex hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien se jirfes u jittraversa triq prinċipali imma ukoll għaliex jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jieqaf iħares biex jesplora t-*triq prinċipali* u ma jażżardax jirfes fuqha jekk mhux qabel ma jkun aċċerta ruħu illi ppermetta t-traffiku fuq it-triq prinċipali li jgħaddi u li

jkun jista' jirfes fuq it-triq prinċipali bla ma jtellef b'xi mod lill-utenti ta' dik it-triq;

"*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety. The Highway Code provides: "Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road". If there is a sign requiring traffic to halt or go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence on the part of the driver*" (The Law of Negligence, Charlesworth 2nd Edition - paġni 82 *et seq*);

Infatti jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut li hu kien konxju minn dawn ir-regolamenti u mill-obbligu li josservahom. Infatti, jikkonferma li hu waqaf wara l-*istop sign*, ħares fuq ix-xellug u ra lill-attriċi 'l boghod, ħares faċċata, imbagħad fuq il-lemin u ħareġ. Isostni li dak il-ħin li ħareġ, l-attriċi baqgħet dieħla fih. Il-fatt li hu stess jammetti li ra lill-attriċi ġejja ssuq fit-triq fejn ovvjament kellha d-dritta kien jimponi fuqu d-dover illi jistenniha tgħaddi. Jekk hu kkalkola ħażin *il-veloċità ta' l-attriċi, il-konvenut seta' biss jinkolpa lilu* nnifsu għal dan in-nuqqas. Ċertament fiċ-ċirkostanzi illi l-attriċi kellha kull dritt li tistenna illi l-konvenut ma kienx ser jirfes fuq il-karreġġjata riservata għaliha qabel ma jħalliha tgħaddiha. Del resto, kif sewwa nnotat l-Ewwel Qorti, *speed* eċċessiv da parti ta' l-attriċi ma jirriżultax imma anke kieku dan ma kienx hekk, kien jispetta lill-konvenut illi jagħmel kalkolu tajjeb tal-veloċità tal-karozza ta' l-attriċi u taħt l-ebda ċirkostanza ma jażżarda joħroġ fi triqtha. Jekk, kif jammetti hu stess, hekk għamel, kien il-konvenut illi, bil-manuvra nkonsulta tiegħu, pprovoka l-inċident, kienet din li kienet il-kawża prossima u mmedjata tiegħu;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tara illi s-sottomissjoni ta' l-attriċi appellanti "illi meta l-Ewwel Qorti qalet *expressis verbis* li jekk l-attriċi kienet ġejja kontra l-*one way* jew le kien irrilevanti għall-każ (*ipsissimis verbis*) darba li l-konvenut raha minn qabel u darba li hu kellu *stop*, kien illoġiku u *non seguitur* għall-Ewwel Qorti li takkolla lilha nofs it-tort". Kien hawn li din il-Qorti rravviżat il-kontradizzjoni fis-sentenza appellata għaliex jidher li l-Ewwel Qorti għalhekk għamlet analiżi korretta tas-sewqan negliġenti u mprudenti tal-konvenut li ndubbjament pprovoka l-inċident, għaddiet biex sabet ukoll ħtija fis-sewqan ta' l-attriċi meta bl-applikazzjoni ta' l-istess regolamenti u prinċipji minnha enunċjati tal-ħtija ma kellhiex tirriżulta. Dan għaliex ma kien hemm xejn ta' sustanza *fil-provi li jindika li l-attriċi kellha tiġi kkwalifikata bħala main road abuser* fil-mument ta' l-inċident jew immedjatament qabel. Dan anke jekk tiġi aċċettata l-versjoni tal-konvenut illi huwa qabel beda jinnaviga l-inkroċju, waqaf biex jesplora t-triq. Affermazzjoni din li għal din il-Qorti ma tantx hi konvinċenti u li dwarha għandha r-riservi tagħha. Mill-assjem tal-provi jidher li aktar probabbli li l-konvenut ittanta jaqsam l-inkroċju b'mod traskurat u negliġenti ċertament bla ma żamm *proper look out* għat-traffiku li kien hemm fuq it-triq prinċipali u forsi ukoll bla ma waqaf għal kollox qabel beda l-manuvra tiegħu. Li tagħti daqqa t'għajn u toħroġ mhux biżżejjed f'ċirkostanzi bħal dawn. Hu meħtieġ li tieqaf u tieqaf sobtu. Hekk tfisser il-kelma *stop*;

L-appell ta' l-attriċi jimmerita allura li jiġi milqugħ *filwaqt li dak tal-konvenut bilfors irid jiġi konsegwentement* riġettat. Il-Qorti ssib li l-ħtija ta' l-inċident kienet kollha kemm hi tal-konvenut u f'dan is-sens ser tirriforma s-sentenza appellata billi ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni. Dawn qed jiġu llikwidati fis-somma komplessiva ta' Lm1531.07 u dan l-ammont li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi għas-saldu tat-talbiet tagħha kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti:

Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu; tilqa' l-appell ta' l-attriċi u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata *billi tiddikjara li l-konvenut kien* unikament responsabbli għall-inċident meritu taċ-ċitazzjoni u għad-danni konsegwenzjali. Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attriċi fl-ammont komplessiv ta' Lm1531.07 u tikkundanna lill-konvenut iħallasha dan l-ammont kif qed jiġi issa likwidat;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut waqt li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jiddekorru *mil-lum peress illi d-danni qed jiġu llikwidati definittivament* b'din is-sentenza.

---